**STQARRIJA MILL-ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS LILL-PARLAMENT**
**Segretarju Parlamentari għall-Kompetittivita' u Tkabbir Ekonomiku**

**IT-TNEDIJA TALL-PROGRAMM 'GLOBAL RESIDENCE PROGRAMME'**

Sur President,

Se nitkellem fuq il-ħidma tal-Gvern sabiex jitnieda l-programm ġdid tar-residenza, programm imsejjaħ il-'Global Residence Programme'. B'dan il-programm persuni ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ekonomika Ewropea li jixtru propjeta' ta' valur għoli u jħallsu t-taxxa f'pajjiżna se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn permess ta' residenza f'Malta.

Il-programm se jkun qed jagħti spinta qawwija lil diversi setturi ekonomiċi li jwasslu għal Tkabbir Ekonomiku. Il-'Global Residence Programme' se jkun qed jagħti nifs lis-settur tal-propjeta' billi jkun ta' inċentiv għal bejgħ u xiri ta' propjeta', speċjalment ta' ċertu valur f'pajjiżna.

Il-Gvern se jkun qed idaħħal aktar flus f'taxxi f'pajjiżna, biex intejbu l-kwalita' tal-għajxien tal-poplu tagħna. Inżidu x-xogħol, anke lill-professjonisti f'dan is-settur bħal avukati u konsulenti tat-taxxa fost oħrajn. Se jgħin ukoll l-industrija tas-Servizzi Finanzjarji u l-industrija tad-divertiment u ospitalita'. Flimkien qegħdin insaħħu l-Ekonomija ta' pajjiżna biex noħolqu iktar xogħolijiet u iktar ġid f'pajjiżna.

Qed ngħid flimkien mhux b'kumbinazzjoni, iżda flimkien peress li wara ftit jiem minn meta ħadt il-ġurament ta' ħatra ta' Segretarju Parlamentari għall-Kompetittivita' u Tkabbir Ekonomiku, jiena bdejt numru ta' laqgħat u konsultazzjoni ma' dawk li joperaw f'dan is-settur.

Laqgħat li wasslu għal diversi suġġerimenti u ideat biex il-Gvern joħrog bi programm innovattiv u attrajenti u fl-istess ħin tiġi aċċertata r-reputazzjoni serja ta' pajjiżna.

Sur President, fit-tfassil ta' dan il-programm sar b'tali mod li minn naħa waħda għamilna pakkett attrajenti għal min irid jinvesti f'pajjiżna bi proċeduri ta' aktar ħeffa biex nagħtu risposti lil dawn l-istess investituri jew rappreżentanti tagħhom, iżda minn naħa l-oħra aċċertajna ruħna li l-programm huwa wieħed serju u li jagħti ċertezza u reputazzjoni lil pajjiżna. Programm li se jdaħħal iktar ċertezza u jiffaċilita l-proċess li kien jeżisti sal-lum.

Il-'Global Residence Programme', se tkun qed tieħu post skema oħra li kienet iddaħħlet mill-Gvern preċedenti dik magħrufa bħala HNWI (High Net Worth Individuals) li kien iddaħħal f'Settembru tal-2011.

Sur President sfortuntament l-iskema tal-HNWI ma ħadmitx. Hija ħasra li meta idaħħlet l-iskema HNWI din ħasdet lil kulħadd, ħasdet l-operaturi kif ukoll gerrxet l-investituri.

Tajjeb li wieħed isemmi li l-HNWI daħlet wara madwar disa' xhur ta' inċertezza fejn l-amministrazzjoni preċedenti qabdet u waqfet ħesrem l-iskema hekk imesjħa Permanent Residence Scheme, dan sar f' lejliet il-Milied 2010.

Fil-feedback wiesgħa li ħadt mingħand l-istakeholders f'dan is-settur din id-deċiżjoni tal-Gvern wasslet għall-inċertezza. Kien hemm sitwazzjonijiet fejn kien hemm konvenji pendenti fejn dawn, jew eventwalment waqgħu jew kellhom jitħassru.

Kien hemm kumpaniji privati li kienu f'nofs kampanji biex jippromwovu din l-iskema barra minn Malta. Xi wħud mill-prattikanti u aġenti tal-proprjetà diġà kienu ħallsu għall-fieri u esibizzjonijiet sabiex jippromwovu proprjetà f'Malta u Għawdex. Il-Gvern stess permezz ta' fondi tal-Malta Enterprise kien ippromwova lil Malta bħala residenza ġewwa l-Afrika t'Isfel, fid-Delegazzjoni għall-Kummerċ għall-Afrika t'Isfel fir-Rebbiegħa tal-2010, inqas minn sitt xhur wara l-Iskema tar-Residenza ġiet sospiża mill-Gvern stess. Araw x'sinjal ta' nuqqas ta' kontinwita' u direzzjoni kien ta il-Gvern dak iż-żmien. Dan ukoll fil-kuntest li waqt li Malta kienet issospendiet din l-isekma, pajjiżi oħrajn tal-UE kienu introduċew skemi aktar attraenti.

Il-bidliet li aħna qegħdin nipproponu huma tnaqqis tal-minimu fil-valur tal-propjeta' immobbli fejn jidħol xiri, minn € 400,000 għal € 275,000 f'Malta u € 220,000 għal Għawdex u fin-nofsinhar ta' Malta. Tnaqqis fil-minimu tal-kiri, minn € 20,000 għal € 9,600 f'Malta u € 8,750 għal Għawdex u għall-propjeta' fin-nofsinhar ta' Malta.

Sur Presdient, l-iktar bidla li żgur se tinħass, u mir-rispons li kellna din kienet il-fattur li l-iskema HNWI ma ħadmitx, hija li fil-programm il-ġdid, aħna se nneħħu l-Bond, li hija r-rabta ta' kapital li l-investitur irid ikollu. L-iskema l-antika kienet titlob li l-investitur ikollu € 500,000 bħala bond, u € 150,000 għal kull dipendent tiegħu. Biddilna wkoll il-minimu tat-taxxa li trid titħallas f'Malta fejn minn € 25,000 u € 5,000 għal kull dipendent, din għamilniha € 15,000. Din il-pożizzjoni meħuda mill-Gvern tirrifletti l-fatt li l-prezzijiet tal-propjeta' fin-nofsinhar ta' Malta u Għawdex huma aktar baxxi. Din hija intiża wkoll biex tagħti spinta lil dawn iż-żoni u jgawdu wkoll minn tkabbir ekonomiku meħtieġ biex jimxu 'l quddiem.

Il-Gvern beħsiebu jdaħħal il-leġislazzjoni sussidjarja relattiva sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2013. Dan il-programm ġdid ta' residenza se jkun qed jaħseb ukoll biex jinċentiva lil min jinvesti fin-nofsinhar ta' Malta u f'Għawdex.

**Miżuri ta' Prekawzjoni**

Il-fatt li dan il-programm il-ġdid huwa aktar attraenti u jirrifletti aktar dak li jridu l-istakeholders f'dan is-settur, ma jfissirx illi dan il-programm ma fihx prekawzjonijiet biex ma jsirux abbużi. Il-fatt li tneħħiet il-bond ta' € 500,000 li kienet l-ostaklu

prinċipali għall-persuni biex jidħlu fl-iskema preċedent ma jfissirx li ftaħna l-bibien għal kulħadd jew inkella li dan il-programm se jnaqqas ir-reputazzjoni ta’ pajjiżna b’mod ġenerali, jew inkella dak tas-settur tas-Servizzi Finanzjarji.

Il-Gvern ħaseb għar-regoli ċari f’dan ir-rigward u għal sistema ta’ moniterraġġ u kontrolli; dawn huma li ġejjin:

1. Li kull persuna msemmija fl-Ittra ta' Konferma tkun koperta minn assigurazzjoni medika-riskji kollha f'Malta. Dan ifisser li ser jiġi eliminat kull biżgħa li l-applikant jew id-dipendenti tiegħu jkunu intitolati għas-servizz tas-saħħa b’xejn f’pajjiżna

2. Li n-numru ta' ġranet li kull persuna tqatta’ f'Malta jkunu ċċertifikati fuq bażi annwali.

3. Li l-proprjetà għandha tintuża biss mill-applikant u dawk il-persuni impjegati magħha jew li ssemmew fuq l-ittra ta' konferma. Qsim ta' indirizzi m'għandhomx jitħallew. Dan ifisser li ser inkunu viġilanti li mhux applikanti differenti japplikaw fuq l-istess indirizz.

4. Il-Gvern se jħares li jkun hemm iċ-ċertifikazzjoni bżjonnjuża mill-Unit tat-Taxxa Internazzjonali, mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mid-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza. Dawn se jiżguraw li mhux biss l-applikant qiegħed f'konformità totali mal-konformi rekwiżiti għas-sena fiskali ta' qabel, iżda wkoll li t-taxxa minima titħallas għall-perjodu li fih il-Permess ta' Residenza Uniformi jingħata. Dan ser iwassal li għal kull sena meta jiġġedded il-permess relattiv, l-applikant ikun diġa’ ħallas il-minimu ta’ taxxa, jiġifieri s-somma ta’ € 15, 000 bil-quddiem. B’hekk pajjiżna jkun dejjem kopert f’dan ir-rigward.

5. Jekk detentur japplika għal "Residenza fit-Tul” (Long Term Status) jew b’xi mod iġib ruħu li se jibbenifika minn dan l-istat, allura d-dispożizzjonijiet tat-taxxa ta’ din il-leġiżlazzjoni għandha minnufih taqa’ mingħajr dubju u d-detentur immedjatament ikollu jibda jħallas taxxa bir-rati normali ta' tassazzjoni ( sa 35%) iżda fuq "dħul fid-dinja kollha" (World Wide Inocome).

6. Il-leġiżlazzjoni proposta għandu jkollha wkoll it-tqabbil mal-Avviż Legali 278 tal-2006 li tistabbilixxi l-parametri kemmxejn riġidi li jkollhom jiġu sodisfatti għal Residenza fit-Tul. Għandu jiġi nnutat li sal-lum, m’hemm l-ebda individwu taħt l-Iskema Residenza Permanenti preċedenti li applika għal Residenza fit-Tul. Dan allura jfisser illi għalkemm tneħħiet il-bond imsemmija iktar il-fuq, xorta waħda iddaħħlu miżuri ta’ prekawzjoni serji biex nevitaw li pajjiżna jispiċċa li meta jagħmel il-kontijiet ikun aktar tilef milli daħħal minn dan il-programm.

Il-Gvern se jappoġġja din l-iskema bl-infrastruttura kollha meħtieġa biex din topera u taħdem tajjeb. Se naraw li l-proċeduri li jħaddmu dan il-programm ma jkunux burokratiċi, u bl-inqas xkiel possibbli għall-applikanti li jridu jinvestu u jħallsu t-taxxa

f'pajjiżna.  Bħala inizjattiva għan-nofsinhar ta' Malta u għal Għawdex il-ħlas għall-applikazzjoni se jitnaqqsu wkoll.

Din hija wegħda oħra mwettqa minn dan il-Gvern Ġdid f'perjodu qasir ħafna. Dan qed nagħmluh għax nemmnu fit-Tkabbir Ekonomiku u għax nemmnu fil-potenzjal li joffri pajjiżna. Dan huwa sinjal pożittiv ieħor riżultat ta' tmexxija responsabbli li għandha prijoritajiet ċari għall-pajjiż.

**Prezzijiet Minimi ta' Propjeta'**

F'dan il-programm il-Gvern ħa ħsieb li jnaqqas il-prezzijiet minimi tal-propjeta' li tista' tinxtara mill-applikant.  L-ammonti li ġew iffissati bħala minimu ma sarux b'kumbinazzjoni, iżda wara konsultazzjoni ma' kulħadd li għandu interess f'dan is-settur.  Ħadna ħsieb illi ma noħolqux xi effett inflazzjonali għall-*first time buyers* ben konxji li hemm ħafna stokk ta' propjeta' fis-suq.  Ċertament li dan l-aġġustament ser iwassal biex dan il-pakett li ser noffru lil min huwa interessat ser ikun iktar attraenti.

**Spinta lil Għawdex u lin-Nofsinhar ta' Malta**

Wara li smajt lil kulħadd Mr. Speaker, dan il-Gvern ħareg bi programm intiż ukoll li jagħti spinta lil Għawdex u lin-nofsinhar ta' Malta. Dan qed nagħmluh għaliex huwa fatt magħruf li l-propjeta' f'dawn iż-żewg żoni hija anqas bħala valur.  Għalhekk il-Gvern ħass li għandu jgħin aktar lil dawn iż-żewg żoni.  Dan ser isir billi l-prezz minimu għall-propjeta' f'Għawdex u fin-nofsinhar ta' Malta jkun anqas biex jirrifletti dan, u biex inħajjru lil minn japplika jagħzel dawn iż-żewg żoni.  Dan hu in linea mal-politika tagħna li ngħinu sabiex isir investiment fin-nofsinhar ta' Malta u f'Għawdex. Ser ikun hemm ukoll riduzzjoni zgħira fil-miżata li jħallas kull applikant biex issir id-due dilligence u dan bħala inċentiv ulterjuri.

**Konklużjoni**

Bit-tnedija tal-linji gwida tal-Global Residence Programme, dan il-Gvern qed juri illi hu Gvern li Jisma, Jaħdem u Jwettaq fi żmien qasir.  Dan il-programm hu wieħed b'saħħtu u ser iwassal għall-Tkabbir Ekonomiku għaliex:

1. Għandu regoli ċari li l-applikant faċilment jifhem
2. Għaliex il-pakett hu wieħed attrajenti
3. Għaliex il-Programm hu wieħed kredibbli, fattibbli u li jirrafferma r-reputazzjoni ta' pajjiżna fis-settur tas-Servizzi Finanzjarji.

M'hemmx dubju li xorta waħda rridu naħdmu flimkien biex nerġgħu nibnu r-reputazzjoni ta' pajjiżna fil-qasam tal-programm tar-residenzi għaliex bl-imġieba tal-amministrazzjoni preċedenti inħolqot inċertezza u tnaffret ir-reputazzjoni ta' pajjiżna fis-swieq l-aktar importanti għal dan is-settur.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-membri tal-kumitat u l-istakeholders kollha li ressqu l-ideat sabiex dan il-programm jista' jiġi ifformalizzat.

***Tabella 1.0 - Tqabbil tal-iSkema Preċedenti u l-Programm il-ġdid Global Residence Programme***

| | **HNWI** | **Global Residence Programme** | |
|---|---|---|---|
| | | Malta | Għawdex u n-Nofsinhar ta' Malta |
| | € | € | € |
| **Xiri ta' Proprjetà Immobbli** | 400,000 | 275,000 | 220,000 |
| **Kiri** | 20,000 | 9,600 | 8,750 |
| **Bond** | 500,000 plus 150,000 kull dependent | Xejn | Xejn |
| **Taxxa Minima** | 25,000 plus 5,000 kull dependent | 15,000 | 15,000 |
| **Applikazzjoni** | 6,000 | 6,000 | 5,500 |

*Iċ-ċifri kollha huma denominati fl-Ewro*